**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 16**

**NHAR IL-ĦAMIS 20 TA' OTTUBRU 2011 FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Frank Salt | Chairperson |
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Wallace Farrugia | Membru |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Alex Chetchuti | Membru |
| Anna Paris | Membru |

**TALBA**

Il-Viċi Chairperson qalet it-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 15 ġew approvati. Frank Salt ippropona. Mary Anne Abela issekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. W. Farrugia staqsa jekk sarx ix-shifing tal-bozzoz f' CafCaf Lane. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ix-xogħljiet għad ma sarux minħbba li Alex Chetcuti kien ma jiflaħx u għaldaqstant ma marx mall-Kuntrattur biex jurih fejn ser isir is-shifting.

2. Il-Viċi Chairperson staqsiet jekk tlestewx il-letter bins (10) li ser jiġu installati fil-Madliena.
   Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn lesti, pero minħabba li Alex Chetcuti kien ma jiflaħx ma setghax imur mall-Kuntrattur sabiex jiddentifika il-post fejn dawn ser jeħlu. Ġie deċiż li issir laqgħa bejn Alex Chetcuti u Frank Salt sabiex jindikaw dawn il-postijiet.

3. Ic-Chairperson informa li ser issir laqgħa fil-Madliena fit-Trejqa tal-Fortizza. Għal din il-laqgħa ser ikunu mistiedna il-Kumitati Amministratvi tal-Lokalitajiet kollha. Dawn ser jircievu mingħand Dr. Chris Said l-ittra ta' konferma ta' fondi li ser jiġu allokati lill-Kumitati għal proġetti li huma ser jagħmlu. Din il-laqgħa ser tkun nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2011 fis-2.00p.m. Ic-Chairperson talab li l-Kumitat kollu biex ikun preżenti.

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT** | **HUGH ZAMMIT** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

4. Il-Kumitat talab biex isir tindif tal-post fejn ser issir l-attivita. Ic-Chairperson informa li hu kien diġa talab is-Segretarju iġib stima. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima ta' €675.00. Il-Kumitat aċċetta l-istima u talb li x-xogħlijiet jibdew mill-aktar fiss.

5. Ic-Chairperson staqsa dwar l-erbgħa biċċiet żgħar ta' toroq li fadal isiru mill-proġett: Triq Pedidalwett, Madliena Road, Trejqa tal-Fortizza u Triq l-Inġinier. Wallace Farrugia informa li dawn ser isiru pero' fi Triq Pedidalwett teżisti problema ta' livelli u dwar dan diġa ġiet iffissata laqgħa mall-MEPA fit-18 ta' Novembru 2011 fid-9.00a.m. Ic-Chairperson talab li Triq l-Inġinier issiru wkoll il-mains tad-dranaġġ u id-dawl tat-Triq.

6. Ic-Chairperson informa li ser jitkellem ma Dr. Said saibex jistaqsi għall-aktar fondi biex jiġu ordnati bankijiet u imwejjed għal Belvedere meta dan ikun lest mit-tarmak. Il-kumitat talab stima ukoll għad-dawl (whiptype) li jiġi nstallat fil-belvedere qabel ma jsir ix-xogħol tat-tarmak.

7. Mary Anne Abela infurmat li t-toroq intlaqgħu tajjeb mir-residenti pero' ħeġġħet biex ifittex jitlestew l-erbgħa biċċiet li fadal fosthom il-parti ta' taħt ta' Triq Pedidalwett.

8. Wallace Farrugia informa li l-Kuntratturi diġa ġew imqabbda japplikaw għall-permessi kif ukoll ser isir laqgħa maż-żewġ kuntratturi Silas Joint Venture.

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT**<br>**Chairperson** | **HUGH ZAMMIT**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

## III PAGAMENTI U XIRI TA' AFFARIJIET

1. Koperattiva Tabelli u Sinjali €716.27
   Christian Galea tindif fil-Madliena €675.00.
   Dawn il-pagamenti ġew approvati.

**Il-laqgħa spiċċat fis-7.30p.m. Sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2011 fil-5.00p.m.**

| | |
|---|---|
| **FRANK SALT** | **HUGH ZAMMIT** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |